MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 109/2012

**Appell Nru: 109/2012**
**Il-Pulizija**
**[Spettur Therese Sciberras]**
**Vs**
**Andrew Sammut**

Illum 14 ta’ Novembru, 2013
Il-Qorti,
Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellant Andrew Sammut, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli :
a. Nhar l-14 ta’ Lulju, 2000, ghall-habta tas-6.50pm, hdejn il-Pitch tal-waterpolo ta’ Sirens ASC, San Pawl il-Bahar, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Martin Vella f’periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ l-istess Martin Vella (Sec 214 Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

b. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta’ Martin Vella, liema ferita gabet sfregju gravi u permanenti fil-wicc skond kif

iccertifika Dr Gregory Attard MD ta' l-Isptar San Luqa (Sec 218(b) Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

c. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta' Martin Vella permezz ta' arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggez (Sec 217 Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

d. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, zamm u garr arma regulari, inkella strument li jaqta' jew iniggez minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

e. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, waqt li kien qieghed jikkometti reat kontra persuna, kellu fil-pussess tieghu arma regolari (mingel);

f. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, kiser il-paci pubblika permezz ta' hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor;

g. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Frar, 2012 fejn il-Qorti sabet lil Andrew Sammut hati tar-reati misjuba taht l-Artikoli 214, 215, 216, 217, u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 13, 19, u 26 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Stante pero r-rinunzja tal-parte civile Martin Vella, il-Qorti ma applikatx piena karcerarja kif solitament taghmel fil-kaz ta' griehi gravi; applikat l-piena ta' sentejn(2) habs sospizi ghal erba'(4) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Andrew Sammut pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-5 ta' Marzu, 2012 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza msemmija u tilliberah minn kull htija u piena jew, alternattivament, tvarjaha inkluz inkwantu tikkoncerna l-piena.
Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Illi l-aggravji ta’ Andrew Sammut li jikkonsistu fis-segwenti:

Illi l-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-Qorti tal-Magistrati, wara li rriporduciet ix-xhieda fis-sentenza, ma ghamlet assolutament ebda apprezzament jew evalwazzjoni tal-porvi, tant li kkummentat biss fuq kwistjonijiet estraji bhad-dewmien fil-proceduri u r-rinunzja fjakka ta’ Martin Vella. Fil-fatt il-Qorti sempliciment irriporduciet l-artikoli kollha indikati mill-Avukat Generali fir-rinvijju ghall-gudizzju tieghu u erogat il-piena imsemmija. Dan sar mingharj ebda konsiderazzjoni ghad-difizi ta’ l-esponent, kemm dawn ta’ natura fattwali kif ukoll dawk ta’ natura legali.

Illi jibda biex jinghad li l-Avukat Generali ma ntrabat ma ebda klassifikazzjoni ta’ offiza. Anzi, fir-rinviju ghall-gudizzju tieghu, wara li ccita l-artikolu li minnhu johorg ir-reat, l-artikolu 214, ikkonceda li l-offiza setghet kienet jew ‘gravi’ fit-termini ta’ l-artikolu 216, abbinat mal-artikolu 217(minhabba l-allegat uzu ta’ mingel), jew ‘gravissima’ fit-termini ta’ l-artikolu 218. Ghalhekk l-Avukat Generali halla f’idejn il-Qorti sabiex tiddevciedi hi dwar in-natura ta’ l-offiza izda sfortunatament il-Qorti injorat din id-distinzjoni u sabet htija f’kollox. Infatti, filwaqt li eskludiet il-permanenza ta’ l-offiza fis-sentenza, xorta sabet htija fl-artikolu 218 !

Illi fi kwalunkwe kaz ma rrizultax mill-provi li l-offiza, ossia offizi, sofferti minn Martin Vella kienu jinkwadraw f’dak li jiddisponu l-artikoli 216 u 218 tal-Kodici Kriminali. Dr. Gregory Attard, li kien it-tabib ta’ l-Emergenza, qal li l-offizi li kienu jinsabu f’rasu u f’ghonqu. Dan it-tabib ezamina lil Vella dakinhar ta’ l-incidnet u ccertifika l-offizi kienu gravi minhabba ‘scars’. Dr. Marie Claire Farrugia tat rendikont dettaljat ta’ dawn l-offizi u, mistoqsija jewkk kienux ser ihallulu xi marki permanenti, irrispondiet li ma setghetx tghid ghaliex jiddependi minn kif ifieq il-bniedem. Dr. Maria Meilaq, mistoqsija wkoll jekk dawn l-offiza kienux ser ihallu xi marki permanenti, qalet li kien hemm wahda fuq ic-cheek u ohra fuq l-eyebrow li setghu ihallu marki, pero` ma setghetx tghid. A parti minn dawn ix-xhieda li ezaminaw u kkuraw lil Vella dakinhar ta’ l-incident, ma xehed ebda tabib iehor.

Illi sabiex il-Qorti tkun sodisfatta li offiza jew tista` ggib mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-offiza (artikolu 216(1)(b)), jew effettivament iggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-offiz (artikolu 218(1)(b)), dan irid jirrizulta mill-povi. Issa minn dan ma rrizulta assolutament xejn u d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati li taqta` ghad-dritt u ssib htija fir-reati kontemplati fl-artikoli 214, 215, 216, 217 u 218 tal-Kodici Kriminali hija zbaljata. Fil-kamp penali l-kongetturi ma jissostitwux il-provi u galadarba ma saret ebda prova li l-offizi gabu l-konsegwenzi msemmija iktar il-fuq jew, del resto, xi konsegwenzi ohra msemmija fl-artikoli 216 u 218, il-Qorti kellha tillimita l-htija taghha ghar-reat minuri kompriz u nvolut ta' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna.
Illi meta, gimgha wara l-incident, xehed Martin Vella huwa qal li l-offizi minnu sofferti saru b'mingel. Dan huwa kontradett mhux biss mill-esponent izda anke minn martu li kienet xhud okkulari ta' l-incident. Meta l-pulizija ghamlu tfittxia fil-vettura ta' l-esponent u anke fil-propjeta` teighu ma sabu ebda mingel. Lanqas ma jidher li sabu xi tracci ta' demm fil-vettura tieghu. Li kieku l-esponent ittrasporta mingel fil-vettura tieghu u ddispona minnha wara l-inciendent, kienu ghall-inqas jinsabu tracci ta' demm. Pero` la rrizulta li nstabu xi tracci tad-demm ta' Vella u wisq inqas mingel. Ghalhekk l-offizi riskontrati, anke jekk kompatibbli ma xi haga li taqta', saru probbabilment wara li fl-aggressjoniteighu fuq l-espoennt waqa` u laqat ma xi parti tal-vettura ta' l-istess espoenent. Probbabilemnt kieku l-investigazzjoni saret sew kienu anke jinstabu xi tracci ta' demm mal-vettura tieghu pero` sfortunatament il-pressapokizmu jista` jkun ta' dettriment mhux biss ghall-prosekuzjoni izda anke ghad-difiza.
Illi ghalhekk, stante r-rinunzja ta' Martin Vella kif ukoll stante li ma jista` bl-ebda mod jinghad sal-grad tac-certezza morali li l-esponent kellu mingel u ddefenda ruhu bih, il-Qorti kellha tillibera lill-esponent mir-reat minuri ta' offiza ta' natura hafifa kif ukoll mir-reati kkontemplati fl-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66), illum abrogat.
Illi lanqas ma jirrizultaw il-kontravenzjonijiet kontemplati fl-artikoli 338(bb) u 338(dd) tal-Kodici Kriminali. Fir-rigward ta' l-ewwel kontravenzjoni – dak kontemplat fl-artikolu

338(bb) – lanqas Vella ma jghid li l-esponent lissen xi kliem jew agixxa b'xi mod imsemmi f'din id-dispozizzjoni. U anke fir-rigward tal-ksur tal-bon ordni – ir-reat kontemplat fl-artikolu 338(dd) – la jirrizulta li l-agir ta' l-esponent kien wiehed li, skond gurisprudenza kostanti, wassal ghal breach of the peace, u lanqas ma rrizulta li l-agir tieghu kien volontarju inkwant, kif ser jigi spjegat, l-agir tieghu kien biss reazzjoni necessarja ghad-difiza tal-persuna tieghu. Bilkemm hemm ghalfejn jinghat li, bhal del resto sehh fil-kaz tar-reati kollha, ma kien hemm assolutament ebda konsiderazzjonijiet fir-rigward ta' dawn il-kontravenzjonijiet.
Illi t-tieni aggravju jikkonsisti fil-fatt lid-difiza tal-legittima difeza u difizi ohra sussidjarji ma gewx kunsidrati mill-Qorti tal-Magistrati. Ghalkemm wiehed ma kienx jippretendi xi dettal bhalma jsib solitament f'guri, lanqas kien mistenni li difizi ben fondati jigu kompletament injorati.
Illi huwa risaput li sabiex tirnexxi d-difiza tal-legittima difeza, il-periklu jrid ikun ingust, gravi, inevitabbli u r-reazzjoni trid tkun proporzjonata. Fil-kaz in dizamina rrizulta li wara li l-esponent u martu bdew il-proceduri ghas-separazzjoni, Martin Vella beda jiffastidja lill-esponent b' diversi modi, fosthom b'gesti, kliem u anke sewqan perikoluz. Irrizulta wkoll li Vella kien isir agressiv meta kien jixrob. Gie ppruvat ukoll li l-esponent kien talab lil martu biex tevita l-prezenza ta' Vella meta jkun hemm hu.
Illi anke jekk wiehed ghal mument jinjora x-xhieda tal-persuni direttament involuti fl-incident, u cioe` dik ta' Martin Vella u dik ta' l-esponent, jirrizulta car mix-xhieda ta' Edwina Sammut li l-istess incident gie istigat minn Vella. L-esponent hawnhekk jirrileva li, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, fl-ahjar ipotezi ghalih, Sammut tista` titqies bhala xhud imparzjali. L-esponent sab ruhu aggredit minn dan Vella li rrizulta wara li kien xorob tant li kellhom jistennew ammont ta' sieghat qabel ma operawh. Vella hareg mill-karozza teighu sabiex jaggredixxi lill-esponent. Edwina Sammut spjegat li Vella jsir aggressiv meta jixrob u gieli anke waqaf jiggieled ma xi sewwieq ta' vettura ohra. Sammut ikkonfermat li Vella kien jaghmilha

tal-bully ma’ l-esponent u spjegat li kien hemm addirittura certa mibgheda lejh.
Illi x-xhud spjegat li Martin Vella hareg minn gewwa l-vettura tieghu u aggredixxa lill-esponent. Ghalhekk, fl-isfond ta’ dak minnha spjegat, li del resto jikkorroborha bis-shih il-verzjoni ta’ l-espoenent, ma jista ikun hemm dubju li soggettivament l-esponent ippercepixxa periklu ingusta, gravi u inevitabbli. Kif gia` gie spjegat l-espoenent dejjem cahad li attakka lil Vella b’mingel u l-offizi minnu sofferti probbabilment graw minhabba li waqa` waqt li kien qieghed jaggredixxi lill-esponent.
Illi sussidjarjament l-esponent invoka l-attenwanti msemmija fl-artikolu 230(c) tal-Kodici Kiminali – u cioe` li l-agir tieghu gie pprovokat minn delitt, ta’ kull xorta li jkun, kontra l-persuna. L-esponent spjega li fl-aggressjoni minnu subita huwa sofra offiza ta’ natura hafifa. Ma hemm l-ebda dubju f’dan il-kaz li l-aggressjoni saret minn Vella u mhux minnu. Kif gia` ntqal dan gie anke konfermat minn Edwina Sammut.
Illi alternattivament l-esponent invoka wkoll l-attenwanti msemmija fl-aritkolu 230(b) ta‘ l-istess kodici. Naturalement hawnhekk it-test huwa dak ta‘ nes ta‘ temperament ordinarju (ara l-proviso ta‘ l-artikolu 227(c)). Jekk il-Qorti tiskarta dak li ntqal precedentement, l-agir ta‘ Martin Vella kien certament wiehed li oggettivament, f’nies ta‘ temperament ordinarju, jwassal ghal passjoni istantanja jew ghall-agitazzjoni tal-mohh.
Illi sfortunatament dawn id-difiz ma gewx ikkonsidrati mill-Qorti tal-Magistrati nonostante cirkostanzi cari li kienu juru li l-esponent ma agixxiex in cold blood. L-esponent jirrileva vl-akbar rispett li l-mankanza tal-Qorti li tezamina d-difizi teighu hija wahda pjuttost serja u s-sentenza appellata timmerita li tigi revokata anke minhabba f’hekk biss.
Illi t-tielet aggravju jikkonsisti fil-fatt li, minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, il-piena erogata mill-Qorti tal-Magistrati hija sproporzjonata ghac-cirkostanzi tal-kaz. L-unika konsiderazzjoni li saret kienet li ma tigix applikata piena karcerarja minhabba r-rinunzja ta‘ Martin Vella.
Illi din hija prova ohra cara u inkonfutabbli li f’dan il-kaz ma saru assolutament ebda konsiderazzjonijiet tant li

lanqas jista` jinghad li sar xi apprezzament zbaljat tal-provi. Effettivament ma sar ebda apprezzament tal-provi. Mill-provi akkwiziti, u mhux biss, qed jigi umilment sottom ess li jekk din l-Onorabbli Qorti ma taqbilx mad-difizi tieghu, il-piena li ghandha tinghat hija wahda ferm iktar miti minn dik erogata mill-Qorti tal-Magistrati.

Illi jibda biex jinghad li l-kaz beda fis-sena 2000 u gie konkluz kwazi tnax il-sena wara. Certament fi tnax il-sena huwa naturali li jkun hemm xi indisponibbilta` jew ta' l-esponent jew tad-difensuri teighu. Pero` kif ser jigi spjegat fid-dettal waqt is-smiegh ta' dan l-appell, it-trapass ta' dan il-perjodu esagerat kien dovut ghall-fatturi estranji ghalih. Jigi mfakkar li l-esponent qatt ma kellu incidenti qabel dan il-kaz. Lanqas ma kellu incidneti wara l-kaz. Dan kien incident isolat konsegwenza ta' agressjoni ingusta minnu subita. L-esponent jahdem mal-Gvern u din is-sentenza, jekk tigi konfermata, tista` twassal ghat-telfien ta' l-impjieg tieghu.

Illi jidher car li l-apprezzament tal-kaz maghmul mill-Qorti tal-Magistrati, jekk hekk tista` ssejjahlu, kien wiehed limitata ghall-offiza riskontranti. Martin Vella sofra diversi offizi. 'Ma jirrizulta minn imkien li fil-fatt Sammut sofra ta' xi tip ta' griehi gravi'. Ergo ghanha tigi imposta piena karcerarja. Anzi le ghaliex Martin Vella, ghalkemm b'mod fjakk (sic !), irrinunzja ghall-azzjoni ! F' dan il-paragrafu gew migbura l-preponderanza tal-konsiderazzjonijiet maghmulha mill-Qorti tal-Magistrati.

Illi ghalhekk jidher car li ma saru ebda konsiderazzjonijiet dwar is-sitiwazzjoni difficli li kien ghaddej minnha l-esponent fiz-zmien ta' l-incident, dwar l-indhil u l-provokazzjonijiet li kien qed jissubixxi l-esponent minghand Martin Vella u, fuq kollox, dwar il-fatt li kien l-istess Martin Vella li, mhux sazju bi provokazzjonijiet bil-fomm u bil-gesti, deherlu li kellu jaggredixxi lill-esponent biex jaqbez ghal Edwina Sammut. L-istess Edwina Sammut lealment spjegat li kien Vella li aggredixxa lill-esponent. Jinghad bl-akbar rispett li mhux biss id-difizi ta' l-esponent kienu jimmeritaw aktar konsiderazzjoni izda anke l-erogazzjoni tal-piena kienet timmerita xi haga ahjar. Tnax il-sena kien perjodu aktar minn sufficjenti biex ic-cirkostanzi tal-kaz jigu apprezzati b'certa impenn u serjeta`.

Ikkunsidrat,
Fi zmien l-incident l-appellant kien ghaddej minn separazzjoni minn ma martu Edwina Sammut. Filwaqt illi l-appellant kien baqa' jghix fid-dar matrimonjali l-mara u t-tfal marru jirresjedu ma ommha u mal-habib ta' ommha Martin Vella. Ghall-ewwel ir-relazzjonijiet bejn Martin Vella u l-appellant Andrew Sammut kienu kordjali pero' dawna biz-zmien thassru u maqghux tajbin tant illi bdew jevitaw lill-xulxin. Dakinhar ta' l-incident fl-14 ta' Lulju, 2000 l-appellant mar iwassal lill-uliedu fuq il-post tax-xoghol ta' martu s-Sirenes Waterpolo Club, San Pawl il-Bahar fejn diga kien hemm Martin Vella jistenna fil-karozza tieghu. Inqala battibekk bejn l-appellant u martu u Martin Vella hareg mill-karozza biex jara x'kien gara, hawnhekk l-appellant u Martin Vella gew fl-idejn u gie allegat illi l-appellant kellu mingel f'idjeh li beda jxejjer bih. Zgur illi kawza ta' dan l-incident Martin Vella spicca b'xi griehi u li kellu jigi jddewa l-isptar, sussegwentement il-pulizija resqu lill-appellant quddiem il-Qorti tal-Magisatrati biex iwiegeb ghall-akkuzi fil-bidu ta' dan il-gudikat.

B'Sentenza moghtija fit-22 ta' Frar, 2012 il- Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tar-reati kollha dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghall-terminu ta' prigunerija ta' sentejn, b'dana liema terminu pero' kellu jigi sospiz ghall-erba' snin. L-appellant hassu agravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appell, l-agravji tieghu jikkonsistu fil-fatt li l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament jew evalwazzjoni tal-provi u lanqas ma kklassifikat x'tipi ta' feriti garrab Martin Vella u taht liema Artikoli dawn il-feriti kellhom jaqghu, di piu, l-ewwel Qorti ma kkunsidratx id-difizi illi qajjem l-appellant principalment dawk tal-legittima difesa, eccess tal-legittima divesa, li agixxa taht pressjoni nstantanja jew agitazzjoni tal-mohh, li qatt ma ezista jew intuzat xi mingel f'dan l-incident u fl-ahhar il-piena hija sproporzjonata meta tqis illi l-incident jirrizali ghas-sena 2000 u minn dak iz-zmien l-hawn qatt ma kien hawn incidenti ma hadd.
Ikkunsidrat.

Jibda biex jinghad illi dan it-trapass ta' zmien bejn l-incident u s-Sentenza zgur illi serva sabiex jikkalmaw l-

affarijiet u r-relazzjonijiet bejn Edwina Sammut u l-appellant jitjiebu kif ukoll dawk bejn l-appellant u Martin Vella. Dan ta' l-ahhar spicca biex irrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabli fil-konfront ta' l-appellant u Edwina Sammut bidlet l-atteggajment taghha minn wiehed manifestament ostili ghal wiehed "non committal" favur l-appellant. Ghal soluzzjoni ta' din il-vertenza specjalmenet ghal konsiderazzjoni tad-divizi mqajma mill-appellant irid jigu determinati zewg punti preliminari, wahda n-natura ta' griehi illi sofra Martin Vella u t-tieni l-ezistenza o meno ta' mingel f'dan l-incident.

Ikkunsidrat.

Ghal dak li jirrigwardja l-feriti rrizulta b'kollox illi Martin Vella kellu 9 feriti kollha relatati mar-ras jew mal-wicc, kellu wahda fuq in-nahha tax-xellug ta' rasu, ohra ta' 2 centimetri fuq quddiem, ohra ta' 4 centimetri fuq il-parti centrali ta' rasu, ferita ohra ta' 3 centimetri fuq il-parti ta' wara tar-ras, ferita ta' 2 centimetri fuq il-parti ta' fuq, fuq in-nahha tal-lemin tar-ras, ferita ta' 2 centimetri fuq in-nahha tax-xellug ta' l-eyebrow, grif fuq in-nahha tax-xellug ta' wiccu, qasma ohra ta' 2 centimetri fuq in-nahha tar-ras fuq il-widna tax-xellug u mbaghad fuq il-widna stess kellu qasma ta' 4 centimetri fuq in-nahha ta' wara u ohra ta' 5 centimetri fuq in-nahha ta' quddiem b'mod illi kienu jinfdu. Dr. Marie Claire Farrugia xhedet dwar dawn il-feriti u ddikjarat li kienu kollha kompatibli ma xi haga illi taqta. Dr. Maria Mejlak issuttorat il-griehi illi garrab Martin Vella flimkien ma Dr. Marie Claire Farrugia, qalet illi Vella kellu xi griehi fuq haddejh u l-eyebrows li setghu ihallu marki permanenti. Dr. Maria Mejlaq kienet aktar specifika meta qalet illi l-ferita fuq il-haddejn kienet ser thalli marka u mompliet *"Normalment il-wicc ifieq izjed malajr minn postijiet ohra. Jista jhalli l-marka li tkun kerha. Xi marka zghira kejjem ikun hemm, pero' xi daqqiet tkun naqra akbar skont il-persuna kif tfieq ....."* (fol 63). Fortunatament dawn il-feriti ma kienux theddida ghall-hajja u Martin Vella u ntbghat lura d-dar wara illi ddewwa. Peress illi l-feriti kienu fil-wicc u fir-ras, din il-Qorti tista tasal ghall-konkluzjoni illi dawn il-feriti jistghu jigu klassifikati taht l-Artiklu 216 (1) (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'

Malta. It-tieni punt x'jigi kkunsidrat huwa l-ezistenza o meno tal-mingel peress illi hemm provi konfliggenti dwar dan.

Ikkunsidrat.

L-unika xhud illi jsemmi dan il-mingel b'mod dirett huwa Martin Vella fejn dan xhed illi l-appellant gie ghalih b'mingel f'idejh ixejru u fil-kors tal-glieda sofra l-ferit msemmija f'dan il-gudikat. Pero' hemm hafna provi cirkostanzjali li jwasslu ghal unika konkluzjoni illi ntuza mingel mill-appellant.

Jibda biex jinghad illi l-feriti sofferti minn Martin Vella gew ikkawzati bi surment li jaqta' u bil-ponta u mhux bi blunt object bhal waqgha jew habta ma xi bumper kif donnu qed jissuggerixxi l-appellant. Il-PIRS report (fol 29), isemmi mara qieghda tirraporta lill-pulizija illi qieghda ssir glieda fis-Sirenes Waterpolo Club fejn kien qed jigi wzat mingel, f'dan ir-rapport ma jghidx min hi din il-mara, pero' waqt il-kontro ezami Edwina Sammut mart l-appellant tammetti illi kienet hi illi ghamlet it-telefonata jew gieghlet lil xi hadd illi jaghmilha. Din il-Qorti hija aktar propenza illi taccetta illi kienet l-istess Edwina Sammut illi ghamlet din it-telefonata peress illi meta l-pulizija marru fuq il-post kienet hi l-ewwel illi qalet lill-pulizija illi ntuza mingel. PS 139 Ronald Azzopardi (fol 23) jghid illi meta mar fuq il-post ra lil Edwina Sammut fi stat isteriku u bdiet tinsisti maghhom li jmorru jarrestaw lir-ragel taghha *"Bdiet tghid li hareg xi mingel u beda jsawwat lil dan Martin Vella."* Terga u tghid l-appellant kien fir-rabgha u ghalhekk mhix xi haga stramba illi kien fil-pussess ta' mingel. Ghalhekk meta l-Qorti tqis illi l-mara illi ghamlet ir-rapport lill-pulizija li kienet qieghda ssir glieda semmiet l-uzu ta' mingel, Edwina Sammut mart l-appellant ammettiet illi kienet hi illi ghamlet it-telefonata, PS 139 Ronald Azzopardi jikkonferma l-istat isteriku ta' Edwina Sammut illi bdiet tghid illi l-appellant hareg mingel u beda jsawwat lil Martin Vella, l-appellant kien fir-rabgha u facli jkollu pussess ta' mingel, il-feriti subiti minn Martin Vella kienu kompatibli ma xi haga li taqta' u bil-ponta kollha jwasslu ghal

konkluzjoni li f'dan l-incident l-appellant uza mingel biex jikkawza l-feriti suibiti minn Martin Vella.

Fit-tieni aggravju tieghu l-appellant ilmenta li l-Ewwel Qorti ma kkunsidrax id-difiza tal-legittima difesa u difizi ohra sussidjarji illi gew minnu mqajjma.

Ikkunsidrat.

Kif tajjeb qal l-appellant biex tirnexxi d-difiza tal-legittima difesa l-periklu irid ikun ingust, gravi, inevitabli, u r-reazzjoni trid tkun proporzjonata. Argumenta illi fil-passat Martin Vella kien jaghtih fastidju bi kliem u b'gesti u b'hekk kien qal lil martu biex dana Vella jinzam il-boghod minnu u li f'dan il-kaz kien gie agredit minn Vella peress illi dana jaghmilha ta' bully u jkun agressiv meta jixrob. Anke jekk ghal grazzja ta' l-argument il-Qorti taccetta illi kien l-istess Martin Vella illi hareg ghall-appellant, il-periklu illi kien qed jiskontra l-appellant dak il-hin zgur illi ma kienx gravi, lanqas inevitabli u r-reazzjoni tieghu zgur ma kienetx proporzjonata. Jekk Martin Vella resaq hdejn l-appellant dana ghamlu idu f'idu u zgur illi ma kellux xi armi u ghalhekk l-appellant ma setax jiddefendi ruhu b'mingel li tikkawza feriti ta' natura gravi. Zgur illi f'dawn ic-cirkostanzi l-legittima difeza ma tregix u l-appellant ma jistax igawdi minn din id-difiza. Sussegwentament l-appellant invoka favur tieghu l-attenwanti msemmi fl-Artiklu 230 (c) tal-Kodici Kriminali u cioe' li *"L-offiza volontarja fuq il-persuna hija skuzabli .... jekk tkun ipprovokata minn delitt ta' kull xorta li jkun kontra l-persuna".* Skont l-appellant f'din l-agressjoni huwa sofra offiza ta' natura hafifa u allega b'mod kategoriku li l-agressjoni saret minn Vella u mhux minnu. Ir-ritratt minnu esebit Dokument AS a fol 172 turi sempliciment "discolouring" fin-nahha ta' fuq ta' mohhu li lanqas ma tista tigi deskritta bhala bengila, madankollu ma jghidx illi kien Martin Vella illi kkawza din il-ferita peress illi meta kienu mqabbdin f'xulxin martu Edwina bdiet taghti go rasu. Fl-ghar ipotesi, dana jwassal ghal xi akkuzi ta' natura kontrovenzjonali u mhux ta' delitt apparti l-fatt illi l-appellant ma jghidx li dawn id-daqqiet gew ikkawzati minn Martin Vella jew mill-mara tieghu. Ghalhekk hawnhekk

zgur illi l-appellant ma jistax jinnvoka l-attenwanti msemmija fl-Artiklu 230 (c) tal-Kodici Kriminali.

Alternattivament invoka wkoll l-attenwanti imsemmija fl-Artiklu 230 (b) ta' l-istess kodici li tghid li offiza gravi hija skuzabli meta ssir minn persuna fil-waqt li tkun taht l-influwenza mmedjata u ta' passjoni nstantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha fil-waqt tad-delitt ma tkunx tista tqis l-ghemil taghha.

Kif tajjeb osserva l-appellant fir-rikors tieghu t-test hawnhekk huwa dak ta' nies b'temperament ordinarju fejn f'dawk ic-cirkostanizi illi sab ruhu l-appellant ma jkunx kapaci illi jqisu l-konsegwenzi tad-delitt. Fl-aghar ipotesi l-appellant kien qed jigi nfaccat minn Martin Vella li kien se jigi hdejh, forsi b'rabja, idu f'idu ghal sodisfazzjon tal-mod kif hu kien qieghed jitratta lil martu dak il-hin. Ma hemm xejn strordinarju f'din is-sitwazzjoni u nies ta' temperament ordinarji zgur illi jkunu kapaci jqisu l-konsegwenzi tar-reazzjoni illi jkunu sejrin jaghmlu u zgur illi ma kienux johorgu xi mingel biex jagredixxu lil din il-persuna li tkun gejja tkellimhom anke jekk din il-persuna tkun qieghda timanifesta certa rabja dak il-hin. Wara kollox Martin Vella jirrebaddixxi totalment dak illi qal l-appellant, anzi, li kien l-appellant illi agredixxa lilu u mhux vici versa. A fol 51, fost affarijiet ohra Vella jghid *"... hareg ghalija bhal sajjetta..."*. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha li l-appellant ma jista jgawdi minn ebda attenwant illi qajjem ghad-difiza tieghu u l-kwistjoni ta' kredibilita bejn dak illi qal Martin Vella u Edwina Sammut a tempo vergine u dak illi qal l-appellant fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, giet abbilment trattata mill-Ewwel Qorti. Dik il-Qorti dehrilha illi fuq il-provi migjuba kellha toqghod fuq il-verzjoni moghtija minn Martin Vella, din il-Qorti taqbel ma l-Ewwel Qorti u wkoll tasal ghall-konkluzjoni li l-verzjoni moghtija minn Martin Vella hija aktar verosimili minn dik moghtija min l-appellant u tasal ghall-konkluzjoni illi l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragunevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Hu pacifiku illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ta' l-Appella ma tiddisturbax l-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-mottiv il-Qorti taqta’ u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata, b’dan pero’ stante t-trapass ta’ zmien u ghall-istess ragunijiet moghtija mill-Ewwel Qorti din il-Qorti jidhrilha illi din il-piena m’ghandiex ikollha effett fuq ix-xoghol ta’ l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------